

# ejja warajja

**Għajnuniet għall-Promozzjoni Vokazzjonali**

www.seminary.org.mt

# ejja warajja

## Għajnuniet
## għall-Promozzjoni Vokazzjonali

---

**Grupp Missjoni u Vokazzjonijiet**
**Seminarju tal-Arċisqof - Malta**
**April 2012**

www.seminary.org.mt

Pubblikazzjoni
**Grupp Missjoni u Vokazzjonijiet**
Seminarju tal-Arċisqof - Malta

Pubblikat: **April 2012**

Edituri: **Rev. Mario Dimech u Sinclair Bugeja**

Kollaboraturi: **Rev. Dillon Bugeja, Rev. George Schembri, Mark Mallia Pawley, Leonard Mintoff, Ryan Lee Pace u Michael Zammit**

Qari tal-Prova: **Anthony Aquilina**

Disinn u *Layout*: **Anton D'Amato**

© Grupp Missjoni u Vokazzjonijiet - Seminarju tal-Arċisqof, Malta
© Mużika, ħlief fejn speċifikat, kif indikat f'*Iktus* pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, Arċidjoċesi ta' Malta



# Werrej


**Messaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa għad-49**
**Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet** 7

**20 Inizjattiva ta' Promozzjoni għall-Vokazzjonijiet fil-Parroċċi** 13

**Għajnuna għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa**
**nhar il-Jum Dinji għat-Talb għall-Vokazzjonijiet** 17

**Tkellem, Mulej, għax il-Qaddej Tiegħek Qiegħed Jisma'**
Adorazzjoni Vokazzjonali għat-Tfal 21

**X'Se Nagħmel b'Ħajti?**
Adorazzjoni Vokazzjoni għaż-Żgħażagħ u Adoloxxenti 31

**Sajjieda tal-Bnedmin**
Adorazzjoni Vokazzjonali 43

**Rużarju Meditat b'Talb għall-Vokazzjonijiet** 51

**Via Crucis Vokazzjonali** 61

**Int Sejjaħtli** 73



# Messaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa għad-49 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet

## Id-29 ta' April 2012 – Ir-Raba' Ħadd tal-Għid

## Vokazzjonijiet, ir-Rigal tal-Imħabba t'Alla

Għeżież ħuti,

Id-49 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet li se jkun iċċelebrat nhar id-29 t'April 2012, ir-Raba' Ħadd tal-Għid, iħeġġiġna nimmeditaw fuq it-tema: Vokazzjonijiet, ir-Rigal tal-Imħabba t'Alla.

Is-sors ta' kull rigal perfett hu Alla li hu Mħabba – *Deus Caritas Est*: "Min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla, u Alla fih" (1 Ġw 4, 16). L-Iskrittura Mqaddsa tirrakkonta l-istorja ta' dan il-patt oriġinali bejn Alla u l-bniedem, li kien jeżisti sa qabel l-istess ħolqien. Meta San Pawl kien qiegħed jikteb lill-insara tal-belt ta' Efesu, għanna innu ta' gratitudni u tifħir lill-Missier li b'ġenerożità infinita, tul is-sekli, wettaq il-pjan tiegħu universali tas-salvazzjoni, li hu pjan ta' mħabba. F'Ibnu Ġesù – jistqarr Pawlu – "hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" (Ef 1, 4). Alla ħabbna saħansitra "qabel" ma bdejna neżistu! Imqanqal biss minn imħabbtu bla kundizzjoni, ħalaqna "mix-xejn" (ara 2 Makk 7, 28) biex jgħaqqadna b'mod sħiħ miegħU.

Is-Salmista mgħaġġeb bil-kbir quddiem il-ħidma tal-providenza t'Alla, jesklama: "Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,

il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom! X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem biex taħseb fih?" (Salm 8, 3-4).

Il-verità profonda tal-eżistenza tagħna, insibuha f'dan il-misteru sorprendenti: kull kreatura, u b'mod partikolari kull persuna umana, hi l-frott tal-ħsieb t'Alla u att ta' mħabbtu, imħabba bla fruntieri, fidila u għal dejjem (ara Ġer 31, 3).

Hi l-iskoperta ta' din ir-realtà li tassew tbiddel ħajjitna mill-qiegħ. F'paġna famuża tal-i*Stqarrijiet*, Santu Wistin jesprimi b'saħħa kbira s-sejba tiegħu ta' Alla, ġmiel suprem u mħabba suprema, Alla li minn dejjem kien qribu u li għaliH sa fl-aħħar fetaħ moħħu u qalbu biex jinbidlu għal kollox: "Domt ma ħabbejtek, ġmiel hekk antik u hekk ġdid, domt ma ħabbejtek! U ara, inti kont ġewwa fija, u jien barra minni nnifsi. Fittixtek barra, meta fil-kruha tiegħi nxtħett fuq il-ġmiel tal-ħlejjaq tiegħek. Int kont miegħi, iżda jiena ma kontx miegħek. Żammewni 'l bogħod minnek il-ħwejjeġ li ma kinux jeżistu kieku ma jeżistux fik. Int sejjaħtli, u l-għajta tiegħek fetħitli widnejja torox; id-dawl tiegħek leħħ u idda fuqi, u keċċa l-għama tiegħi; int xerridt il-fwieħa tiegħek li daħlet fi mnifsejja, u issa nixtieqek; doqt tjubitek, u issa jien bil-ġuħ u bil-għatx għalik; missejtni, u sirt imħeġġeġ għas-sliem tiegħek" (X, 27.38). B'dawn ix-xbihat, il-Qaddis ta' Ippona jfittex li jiddeskrivi l-misteru li ma jitfissirx, tal-laqgħa tiegħu m'Alla, bl-imħabba t'Alla li tittrasforma l-ħajja kollha.

Hi mħabba li m'għandha l-ebda limiti u tasal għandna qabilna, issostnina u ssejħilna tul il-mixja tal-ħajja; imħabba li għandha għeruqha f'rigal ta' Alla li hu assolutament b'xejn. Meta l-predeċessur tiegħi, il-Beatu Ġwanni Pawlu II, kien qiegħed jitkellem partikolarment fuq is-saċerdozju ministerjali, stqarr li "kull azzjoni ministerjali – filwaqt li twassal biex tħobb u taqdi lill-Knisja – tipprovdi inċentiv biex nikbru fi mħabba dejjem ikbar u f'servizz lejn Ġesù Kristu, il-kap, ir-ragħaj u l-għarus tal-Knisja, imħabba li hi dejjem it-tweġiba għall-imħabba t'Alla fi Kristu li hi b'xejn u bla ħtieġa li titlobha" (*Pastores Dabo Vobis*, 25). Fil-fatt, kull vokazzjoni speċifika titwieled bl-inizjattiva t'Alla; hi rigal tal-Imħabba t'Alla! Hu li jagħti l-ewwel pass, u mhux għax sab xi ħaġa tajba fina, iżda minħabba l-preżenza ta' mħabbtu stess li "ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu" (Rum 5, 5).

F'kull żmien, il-għajn tas-sejħa divina għandek issibha fl-inizjattiva tal-imħabba infinita t'Alla, li jirrivela lilu nnifsu għal kollox f'Ġesù Kristu. Bħalma ktibt fl-ewwel Enċiklika tiegħi, *Deus Caritas Est*, "Alla  hu tassew viżibbli f'għadd ta' modi. Fl-istorja ta' mħabba, irrakkuntata fil-Bibbja, hu jersaq lejna, ifittex li jirbaħ qlubna. Dan baqa' jagħmlu  sal-Aħħar Ikla, san-nifda ta' qalbu fuq is-Salib, sad-dehriet tiegħu wara l-Qawmien, sal-opri kbar li bihom mexxa l-Knisja li kienet qed titwieled; dan għamlu permezz tal-ħidma tal-Appostli. Il-Mulej lanqas ma kien assenti fl-istorja ta' wara tal-Knisja: dejjem jiltaqa' magħna mill-ġdid, fl-irġiel u n-nisa li jirriflettu l-preżenza tiegħu, f'kelmtu, fis-sagramenti u speċjalment fl-Ewkaristija" (Nru. 17).

L-imħabba t'Alla hi għal dejjem; hu fidil lejh innifsu, fil-"kelma li ta għal elf nisel" (Salm 105, 8). Sadanittant, il-ġmiel li jiġbdek ta' din l-imħabba divina, li tippreċedina u takkumpanjana, jeħtieġ li dejjem jerġa' jkun ipproklamat mill-ġdid, speċjalment lill-ġenerazzjoni żagħżugħa.  Din l-imħabba divina hi l-impuls moħbi, il-motivazzjoni li ma tfalli qatt, saħansitra f'ċirkustanzi mill-aktar diffiċli.

Għeżież ħuti, jeħtieġ li niftħu ħajjitna għal din l-imħabba.  Ta' kuljum, Ġesù Kristu jsejħilna għal din il-perfezzjoni tal-imħabba tal-Missier (ara Mt 5, 48). Il-livell għoli tal-ħajja nisranija jikkonsisti f'li tħobb "bħal" ma jħobb Alla; bi mħabba li tintwera f'għotja tiegħek innifsek: għotja sħiħa, fidila u mimlija frott.



San Ġwann tas-Salib lill-Prijura tal-Monasteru ta' Segovia, li kienet muġugħa biċ-ċirkustanzi terribbli dwar is-sospensjoni tiegħu, weġibha billi ħeġġiġha taġixxi bħal ma jaġixxi Alla: "Taħseb xejn aktar ħlief li hu Alla li  jordna kollox, u fejn m'hemmx imħabba, qiegħed l-imħabba, u hemm int tiġbor l-imħabba" (Ittri, 26).

Il-vokazzjonijiet jitwieldu u jikbru f'din il-ħamrija tal-għoti tiegħek inifsek u tal-ftuħ tiegħek lejn Alla, il-frott ta' dik l-imħabba. Meta ttella' l-ilma minn din l-għajn, billi titlob u tirrikorri bla waqfien għall-kelma t'Alla u s-Sagramenti, speċjalment l-Ewkaristija, isir possibbli li tgħix ħajja ta' mħabba għall-proxxmu, li fih nibdew nagħrfu wiċċ Kristu l-Mulej (ara Mt 25, 31-46). Biex tesprimi l-għaqda inseparabbli li torbot dawn iż-"żewġ imħabbiet" – l-imħabba t'Alla u l-imħabba tal-proxxmu – li t-tnejn li huma jgelglu mill-istess sors divin u jerġgħu jispiċċaw hemm, il-Papa Girgor il-Kbir juża l-metafora

tal-pjanta ċkejkna: "Fil-ħamrija ta' qalbna, Alla l-ewwel żera' l-għerq tal-imħabba lejh; min din, bħal werqa, tinbet l-imħabba għal xulxin" (*Moralium Libri, sive exposito in Librum B. Job. Lib. V11, Ch.24,28; Pl 75, 780D*).

Dawk li ddeċidew li jimxu fil-mogħdija tad-dixxerniment vokazzjonali lejn is-saċerdozju ministerjali u l-ħajja kkonsagrata, għandhom jgħixu b'intensità partikolari u b'safa ta' qalb, dawn iż-żewġ espressjonijiet ta' mħabba divina waħda; minnhom jingħarfu. Is-saċerdoti u l-persuni kkonsagrati huma msejħa biex ikunu l-mera ta' din l-imħabba t'Alla, tkun kemm tkun imperfetta l-motivazzjoni biex iwieġbu għas-sejħa tal-Mulej għall-konsagrazzjoni speċjali permezz tal-ordinazzjoni saċerdotali jew il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi. Fit-tweġiba qawwija ħafna ta' San Pietru lill-Imgħallem Divin: "Iva Mulej, int taf li nħobbok" (Ġw 21, 15) insibu s-sigriet ta' min jgħix u jagħti ħajtu kollha kemm hi; għalhekk hi ħajja li ġġib ferħ profond.

L-espressjoni l-oħra prattika tal-imħabba, dik lejn il-proxxmu, u speċjalment lejn dawk li jbatu u huma l-aktar fil-bżonn, hi l-impuls deċiżiv li jwassal lis-saċerdot u lill-persuna kkonsagrata, biex ikun bennej tal-għaqda (komunjoni) bejn in-nies u jkun dak li jiżra' t-tama. Ir-relazzjoni bejn il-persuni kkonsagrati, u speċjalment is-saċerdot, u l-komunità nisranija, hi vitali u ssir id-dimensjoni fundamentali ta' kemm għandhom ħila jmissu l-qlub. Il-Kurat ta' Ars kien iħobb jgħid: "Is-saċerdoti mhumiex saċerdoti għalihom infushom, iżda għalikom" (*Le cure d'Ars. Sa pensee – son coeur*, Foi Vivante, 1966, p. 100).



Għeżież ħuti isqfijiet, għeżież saċerdoti, djakni, irġiel u nisa kkonsagrati, katekisti, ħaddiema pastorali u dawk kollha fostkom li huma impenjati fil-qasam tal-edukazzjoni taż-żgħażagħ: inħeġġiġkom minn qalbi li tagħtu attenzjoni speċjali lil dawk il-membri tal-komunitajiet parrokkjali, assoċjazzjonijiet u movimenti ekkleżjali li jħossu fihom sejħa għas-saċerdozju jew għal konsagrazzjoni speċjali. Huwa importanti għall-Knisja li toħloq dawk il-kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażagħ jgħidu "iva" bi tweġiba ġeneruża għas-sejħa t'Alla kollha mħabba.

Fit-trawwim tal-vokazzjonijiet, tul it-triq kollha, il-Knisja trid tipprovdi gwida u direzzjoni ta' għajnuna. Fiċ-ċentru ta' din l-għajnuna jrid ikun hemm l-imħabba tal-kelma t'Alla sostnuta b'familjarità dejjem ikbar mal-Iskrittura Mqaddsa, u talb bil-qalb u bla heda,

kemm personali kif ukoll fil-komunità; dawn jagħmluha possibbli li tisma' s-sejħa t'Alla fost tant ilħna fil-ħajja ta' kuljum. Iżda fuq kollox, l-Ewkaristija għandha tkun il-qalb ta' kull vjaġġ vokazzjonali: huwa hawn li l-imħabba t'Alla tmissna, fis-sagrifiċċju ta' Kristu, l-espressjoni perfetta tal-imħabba. Huwa hawn li nitgħallmu dejjem mill-ġdid kif ngħixu skont "il-livell għoli" tal-imħabba t'Alla. L-Iskrittura, it-talb u l-Ewkaristija huma t-teżor prezzjuż li jagħmilna kapaċi nifhmu l-ġmiel ta' ħajja ddedikata kollha kemm hi fis-servizz tas-Saltna.

Hija t-tama tiegħi li l-Knejjes lokali u l-gruppi varji fi ħdanhom, isiru mkejjen fejn jingħarfu l-vokazzjonijiet u l-awtentiċità tagħhom; imkejjen fejn liż-żgħażagħ irġiel u nisa, noffrulhom direzzjoni spiritwali għaqlija u qawwija. B'dan il-mod, il-komunità Nisranija nnifisha ssir turija tal-imħabba t'Alla li minnha toħroġ kull sejħa. Bħala tweġiba għal dak li bil-jedd kollu jitlobna l-kmandament ġdid ta' Ġesù, din tista' sseħħ b'mod elokwenti u partikolari fil-familji Nsara, li mħabbithom hi espressjoni tal-Imħabba ta' Kristu li ta ħajtu għall-Knisja tiegħu (ara Ef 5, 32).

Fil-familja, "komunità ta' ħajja u mħabba" (*Gaudium et Spes* 4,8), iż-żgħażagħ jista' jkollhom esperjenza tal-għaġeb ta' din l-imħabba li tagħti lilha nnifisha. Tassew, il-familji mhumiex biss il-post privileġġat għall-formazzjoni umana u Nisranija; jistgħu wkoll ikunu "il-mixtla ewlenija u l-aktar eċċellenti tal-vokazzjonijiet għal ħajja kkonsagrata lis-Saltna t'Alla" (*Familiaris Consortio*, 53). Dan billi jgħinu lill-membri tagħhom jaraw, preċiżament fil-familja, is-sbuħija u l-importanza tas-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata. Jalla r-rgħajja u l-fidili lajċi jikkoperaw dejjem flimkien sabiex fil-Knisja, joktru dawn "id-djar u l-iskejjel ta' komunjoni" mibnijin fuq il-mudell tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, ir-riflessjoni armonjuża fid-dinja, tal-ħajja tat-Trinità l-Aktar Qaddisa.

B'din it-tama mimlija talb, jien kordjalment nagħti il-Barka Appostolika lilkom ilkoll: ħuti isqfijiet, saċerdoti, djakni, irġiel u nisa reliġjużi, u l-lajċi fidili kollha, u speċjalment dawk iż-żgħażagħ irġiel u nisa li jħabirku biex jisimgħu b'qalb ħelwa l-leħen t'Alla u jkunu lesti li jwieġbu b'ġenerożità u b'fidi sħiħa.

Mill-Vatikan, 18 t'Ottubru 2011



# 20 Inizjattiva ta' Promozzjoni għall-Vokazzjonijiet fil-Parroċċi

## Talb



1. Tingħad it-talba tal-vokazzjonijiet fil-quddies tal-Ħadd u/jew quddies ta' matul il-ġimgħa.

2. Jiddaħħal talb għall-vokazzjonijiet fit-talbiet ta' interċessjoni f'xi quddisiet.

3. L-adorazzjoni nhar ta' Ħamis jew xi adorazzjonijiet oħra (bħal ma jsiru fil-Kwaranturi, l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, eċċ) tista' ssir b'intenzjoni vokazzjonali. Jistgħu jintużaw l-adorazzjonijiet għal etajiet differenti li jinsabu f'dan il-pakkett.

4. Jingħad ir-rużarju b'intenzjoni għall-vokazzjonijiet fi ġranet partikolari. Għal dan il-għan jistgħu jiġu wżati r-riflessjonijiet li jinsabu f'dan il-pakkett.

5. F'kull kappella tal-adorazzjoni perpetwa jkun hemm talb għall-vokazzjonijiet ipprovdut.

6. Jitwaqqaf grupp ta' talb għall-vokazzjonijiet.

7. Fil-Jum Dinji għat-Talb għall-Vokazzjonijiet, li din is-sena se jsir nhar il-Ħadd 29 ta' April,

isir l-att penitenzjali u t-talbiet ta' interċessjoni b'tema vokazzjonali (jistgħu jintużaw dawk li jinsabu f'dan il-pakkett). Tista' wkoll tiġi ċċelebrata f'xi jiem quddiesa b'interċessjoni għall-vokazzjonijiet. Din tinsab fil-Missal.

8. Jibda jiddawwar salib fid-djar tal-familji tal-parroċċa flimkien ma' talba biex matul dik il-ġimgħa dik il-familja titlob għall-vokazzjonijiet. Minflok salib jista' jiddawwar xi oġġett ieħor (eżempju: stola, statwa tar-Ragħaj it-Tajjeb). Min jixtieq xi talb għall-vokazzjonijiet jista' jikkuntatja s-Seminarju.

## Informazzjoni

9. Tiġi enfasizzata l-vokazzjoni saċerdotali fil-laqgħat tal-abbatini u l-vestizzjoni anke billi saċerdoti u seminaristi jirrakkuntaw l-esperjenza vokazzjonali tagħhom.



10. Isiru laqgħat dwar il-vokazzjoni nisranija u saċerdotali fil-klassijiet tad-duttrina u dawk taż-żgħażagħ. Jistgħu jintużaw il-pjanijiet għal lezzjonijiet ipprovduti ma' dan il-pakkett.

11. Tista' tittella' wirja ta' tpinġijiet, kitbiet, krafts, eċċ b'tema vokazzjonali, magħmula mit-tfal tal-parroċċa.

12. Gruppi ta' tfal u ta' adoloxxenti tal-parroċċa jistgħu jittieħdu fi żjarat f'postijiet bħas-Seminarju jew djar oħra ta' novizzjat.

## Inizjattivi Oħra

13. Promozzjoni tal-ħajjiet tal-qaddisin b'diversi modi (eżempju: fil-fuljett li jitqassam fid-djar, jittellgħu bħala rigali lit-tfal kotba żgħar fuq il-ħajjiet tal-qaddisin, eċċ).

14. Jiġi ċċelebrat fil-parroċċa, l-anniversarju tal-ordinazzjoni tas-saċerdoti li jservu fil-parroċċa.

15. Reklam vokazzjonali fil-fuljett parrokkjali, partikolarment dak tal-festa parrokkjali.

16. Seminarista jew student reliġjuż/a jintalab jikteb l-esperjenza tal-vokazzjoni tiegħu fuq il-fuljett parrokkjali.

17. Nhar Jum il-Vokazzjonijiet jew xi ġurnata addattata oħra jiġi mistieden biex iqaddes fil-parroċċa r-rettur tas-Seminarju, ir-direttur tal-vokazzjonijiet jew xi reliġjuż inkarigat mill-istudenti. F'din il-ġurnata tista' tiġi mistiedna xi komunità reliġjuża (li mhux bilfors tinsab fil-parroċċa) biex tanima l-quddiesa. Tajjeb li f'dan il-jum, jekk hu possibbli, jintwera l-vidjow vokazzjonali li tqassam lil kull parroċċa.

18. Il-ġimgħa ta' qabel Jum il-Vokazzjonijiet tista' ssir enfasi fl-għaqdiet u l-gruppi tal-parroċċa fuq it-tema vokazzjonali. Jistgħu jiġu mistiedna seminaristi u/jew studenti reliġjużi għal-laqgħat ta' dawn il-gruppi. Jistgħu wkoll jittellgħu xi bords marbuta ma' din it-tema fil-knisja jew jitwaħħlu posters f'postijiet prominenti tal-parroċċa.

19. Flok ġimgħa waħda biss tista' tingħażel sena li fiha l-parroċċa tenfasizza t-talb għall-vokazzjonijiet filwaqt li toħloq kuxjenza akbar.

20. Agħmel *links* vokazzjonali mill-*website* tal-parroċċa, eżempju: http://www.vokazzjoni.com/; http://seminary.org.mt/; http://www.foryourvocation.org/.



# Għajnuna għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa nhar il-Jum Dinji għat-Talb għall-Vokazzjonijiet

**Id-29 ta' April 2012**

## Ħsieb qabel il-Quddiesa

Illum, ir-raba' Ħadd tal-Għid, il-Knisja tiċċelebra l-Jum Dinji għat-Talb għall-Vokazzjonijiet. Is-saċerdoti u r-reliġjużi huma msejħa b'mod partikolari biex bħal Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, jagħtu ħajjithom għall-poplu li ġie afdat f'idejhom.

Nitolbu b'mod speċjali llum għal aktar vokazzjonijiet, speċjalment mill-parroċċa tagħna, biex il-Mulej jagħti kuraġġ lil dawk iż-żgħażagħ li qed iħossu din is-sejħa u jirrispondu għaliha b'ġenerożità.

## Invokazzjonijiet għall-Att Penitenzjali

Mulej, Inti wrejtna l-imħabba tiegħek għal dawk il-persuni li huma 'l bogħod minnek. Nitolbuk maħfra ta' meta warrabna lil dawn ħutna u ma ħdimniex għas-salvazzjoni ta' ruħhom. **R./ Mulej ħniena.**

Kristu, Inti tagħti sens lil ħajjitna. Nitolbuk maħfra ta' meta ma fittixniex x'inhi r-rieda tiegħek għalina u minflok għamilna dak li jaqbel lilna. **R./ Kristu ħniena.**

Mulej, Inti għażilt lis-saċerdoti u r-reliġjużi biex jaqdu lill-poplu tiegħek fid-dinja tal-lum. Nitolbuk maħfra ta' meta m'apprezzajniex is-sagrifiċċju ta' dawn ħutna li taw ħajjithom għas-servizz tal-oħrajn. **R./ Mulej ħniena.**

## Qabel jibda l-Qari

Fil-qari tal-lum, il-Kelma t'Alla tiffoka fuq ir-rabta personali li l-Mulej irid ikollu magħna. Permezz ta' Ġesù aħna ksibna s-salvazzjoni u sirna wlied Alla. Kristu huwa r-Ragħaj it-Tajjeb għax iħobb in-ngħaġ tiegħu minn rajh, jagħti ħajtu għalihom u jiġborhom f'merħla waħda. Huwa r-Ragħaj li jrid jagħraf in-ngħaġ tiegħu u jidħol magħhom fi ħbiberija personali. Fuq dan l-eżempju, dawk kollha li huma msejħa għas-saċerdozju jew għall-ħajja kkonsagrata jridu jħobbu l-poplu t'Alla u jagħtu ħajjithom għalih.



## Talbiet tal-Fidili

Il-Mulej hu r-Ragħaj it-Tajjeb li jħobb in-ngħaġ tiegħu u jagħti ħajtu għalihom. F'dan il-jum nitolbuh jgħinna nkunu bħalu billi nwieġbu għas-sejħat li jagħmlilna u nagħmlu dejjem dak li jrid minna Hu.

1. Nitolbuk Mulej għas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi biex jaqdu lill-poplu tiegħek b'ferħ u ma jaqtgħu qalbhom qatt ixandruk partikolarment fejn inti l-inqas magħruf. Nitolbu. **R./ Ismagħna nitolbuk Mulej.**

2. Nitolbuk Mulej, għal dawk kollha li qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju biex ikollhom il-qawwa u l-ġenerożità jirrispondu għas-sejħa li qed iwieġbu għaliha. Nitolbu. **R./**

3. Nitolbuk Mulej għall-ġenituri, biex b'ħajjithom u bl-eżempju tagħhom, iħeġġu lil uliedhom iwieġbu għal dak li trid minnhom Inti. Nitolbu **R./**

4. Nitolbuk Mulej, għaż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna, speċjalment għal dawk li qed issejjaħ għas-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża biex timliehom b'ferħ u b'kuraġġ. Nitolbu. **R./**

5. Nitolbuk Mulej għalina lkoll biex filwaqt li napprezzaw is-sejħa ta' ħutna s-saċerdoti u r-reliġjużi, nagħrfu ngħinuhom fil-missjoni tagħhom. Nitolbu. **R./**

Mulej, inti qatt ma tħalli lill-Knisja nieqsa minn rgħajja li jaqdu l-poplu tiegħek bi mħabba. Nitolbuk tilqa' dawn it-talbiet tagħna sabiex tkompli ssejjaħ, tqawwi u tħeġġeġ persuni li jagħtu ħajjithom għall-poplu tiegħek. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

## Talba ta' Ringrazzjament

Mulej, Missier ta' Sidna Gesu' Kristu, li qal li l-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema huma ftit, nitolbuk li tibgħat aktar ħaddiema għall-ħsad tiegħek. Agħmel li ż-żgħażagħ tagħna jkunu dejjem iktar ġenerużi għas-sejħa tiegħek. Imla' 'l-ġenituri bil-fidi, bl-imħabba u bl-ispirtu ta' sagrifiċċju, biex joffru lil uliedhom għas-servizz tiegħek u jifirħu meta xi ħadd minnhom ikun imsejjaħ għall-ħajja kkonsagrata lilek. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna.

Ammen.



# Tkellem, Mulej, għax il-Qaddej Tiegħek Qiegħed Jisma’

## Adorazzjoni Vokazzjonali għat-Tfal

*Din l-adorazzjoni hi mmirata għal dawk it-tfal, subien u bniet, li għandhom l-età ta’ bejn it-8 u 11-il sena. Tista’ tintuża fi gruppi ta’ tfal f’għaqdiet, parroċċi jew skejjel bl-għan li t-tfal jitolbu lill-Mulej biex jgħinhom iwieġbu għal dak li jixtieq minnhom fil-ħajja tagħhom. Tajjeb li l-post fejn issir l-adorazzjoni ikun wieħed ta’ ġabra, preferibilment fil-Knisja jew xi kappella oħra. Il-post għandu jkun armat b’mod li t-tfal ikunu mdawwrin qrib madwar l-altar (forsi permezz ta’ twapet, cushions, eċċ) Barra minn hekk il-post tal-adorazzjoni għandu jkun imdawwal tajjeb, armat b’xi fjuri jew pjanti eċċ. Għandek bżonn: Karti jew Kotba tal-Kant; Xemgħat (daqs in-numru ta’ tfal preżenti)*



## Innu waqt l-Espożizzjoni

**Fejn l-Imħabba tkun (Iktus Nru.134)**

Fejn l-imħabba tkun
U l-għaqda,
Fejn l-imħabba tkun,
Alla hemm jinsab.

*jew*

**Ġejna hawn flimkien (Iktus Nru.152)**

Ġejna hawn flimkien nagħtuk tifħir
Għal ismek kbir Mulej Qaddis. (x2)

Lill-Missier Alla, lill-Iben t'Alla l-ħaj
U lill-Ispirtu, inroddu ħajr. (x2)

Alleluia, alleluia. (x2)

## Att ta' Preżenza

Mulej, kemm hu sabiħ dak il-ħin li fih immorru nsibu ħabib/a, l-ikbar ħabib/a u nqattgħu ftit ħin miegħu/magħha. Mulej, aħna nafu li inti int l-akbar ħabib tagħna u għalhekk ġejna fid-dar tiegħek, fejn int dejjem preżenti. Ġejna niltaqgħu ftit miegħek.



Waqt dan il-mument tal-adorazzjoni l-ħobż (l-ostja) ikkonsagrat, li hu l-ġisem ta' Ġesù ġie mneħħi mill-post fejn is-soltu jkun, fit-tabernaklu, u tpoġġa fuq l-altar. B'hekk inkunu nistgħu narawh aħjar. Għalkemm ma nistgħux nifhmu għal kollox aħna nemmnu li dan hu int Ġesù – il-ħabib kbir tagħna. Nistgħu nibqgħu ftit ħin miegħek u nirrakuntawlek dak li għaddejna minnu matul din il-ġurnata. Nixtiequ ngħidulek kif qed nippruvaw inħobbu iktar lil dawk li niltaqħu magħhom, x'nixtiequ nagħmlu fil-ħajja tagħna u fiex nixtiequ lilek, Mulej, tgħinna.

Ejjew nagħmlu ftit ħin ta' skiet nitkellmu ma' Ġesù bħal meta nitkellmu mal-ħbieb tagħna.

*Mument Qasir ta' Skiet*

## Att ta' Tifħir

Aħna nafu li int tħobbna ħafna, Mulej u għalhekk kif qegħdin ilkoll miġbura quddiemek, nixtiequ nfaħħruk u nirringrazzjawk ta' dak kollu li int tagħmel magħna.

*It-tfal kollha jiġu mistiedna biex min jixtieq minnhom, b'mod spontanju, jgħid talba ta' "Grazzi" lil Ġesù għal dawk l-affarijiet tajbin u sbieħ li Hu jagħtihom fil-ħajja tagħhom. It-tfal jistgħu jiġu mistiedna biex jgħidu dawn it-talbiet ta' tifħir jew ringrazzjament b'idejhom miftuħa.*

Wara kull talba nwieġbu: **R./ Grazzi Mulej.**

## Salm

Salm 95

Ejjew inkomplu nfaħħru lill-Mulej permezz ta' dan is-salm li nsibu fil-Bibbja. Bħala salm responsorjali nwieġbu flimkien: **R./ Mulej, infaħħruk għax inti tħobbna.**

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**R./ Mulej, infaħħruk għax inti tħobbna**

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret. **R./**

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. **R./**

## Innu

**Lilek Mulej tifħir u glorja (Iktus Nru. 397)**

**R./ Lilek Mulej tifħir u glorja (x4)**

Għall-ħlejjaq kollha li Inti tajtna
Ix-xemx u l-qamar li l-ħajja jdawlu.
L-ilma u x-xita li l-frott isaħħu,
Il-ġonna, is-siġar, li d-dinja jlewnu. **R./**



Glorj' għall-għoljiet, l-ibħra u x-xmajjar,
Li ta' idejk il-kobor juru.
Għal din l-art sbejħa li ridt iżżejjen,
Li liln' offrejt biex lilha nħobbu. **R./**

Għax fuq din l-art, il-ħajja tagħna
Għandha tifsir biss jekk noffrulek.
Għanja ta' ħajr, u jekk ninsġulek
B'noti mill-oħla innu ta' glorja. **R./**

## Qari mill-Kelma ta' Alla

1 Salm 3,1-10

*Il-qari mill-Kelma ta' Alla jista' jsir b'mod djalogat billi jieħdu sehem erba' qarrejja kif indikat hawnhekk.*

Narratur: Qari mill-Ewwel Ktieb ta' Samwel

F'dak iż-żmien iż-żagħżugħ Samwel kien jaqdi l-Mulej ma' Għeli; imma l-kelma tal-Mulej kienet rari f'dak iż-żmien, ftit kien hemm dehriet. Ġara li, jum wieħed, Għeli kien mistrieħ f'postu, għax għajnejh kienu bdew jintfew, u ma kienx jista' jara. Il-musbieħ ta' Alla kien għadu ma ntefiex, u Samwel kien mimdud fit-tempju tal-Mulej, fejn kien hemm l-arka ta' Alla.

Mulej: "Samwel!"

Narratur: U dan wieġeb:

Samwel: "Hawn jien!"

Narratur: U mar jiġri għand Għeli.

Samwel: "Hawn jien,"

Narratur: qallu,

Samwel: "għalfejn sejjaħtli?"

Għeli: "Ma sejjaħtlekx,"

Narratur: wieġeb,
Għeli: "erġa' mur imtedd."

Narratur: U raġa' mar jorqod. U ssokta l-Mulej isejjaħ:

Mulej: "Samwel!"

Narratur: U Samwel qam u mar għand Għeli u qallu:

Samwel: "Hawn jien! Għalfejn sejjaħtli"

Għeli: "Ma sejjaħtlekx, ibni,"

Narratur: wieġeb,

Għeli "erġa' mur orqod."

Narratur: Samwel kien għadu ma għarafx il-Mulej, u anqas kienet għadha ma ttgħarrfitlu l-kelma tal-Mulej. U ssokta l-Mulej isejjaħ:

Mulej: "Samwel!"

Narratur: għat-tielet darba. U dan qam, u mar għand Għeli, u qallu:

Samwel: "Hawn jien! Għalfejn sejjaħtli?"

Narratur: U Għeli fehem li l-Mulej kien qiegħed isejjaħ iż-żagħżugħ. U qal lil Samwel:

Għeli: "Mur orqod. Jekk jerġa' jsejjaħlek, wieġeb: Tkellem,

Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'."

Narratur: U Samwel mar jorqod f'postu. U l-Mulej ġie, waqaf ħdejh, u sejjaħ bħal drabi oħra:

Mulej: "Samwel! Samwel!"

Narratur: U Samwel wieġeb:

Samwel: "Tkellem, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'."

Narratur: Il-Kelma tal-Mulej

**R./ Irroddu ħajr lil Alla**

# Ħsieb

Mulej, int lil kull wieħed u waħda minna qed issejħilna għal xi ħaġa. Qed issejħilna biex fil-ħajja tagħna nagħmlu xi ħaġa sabiħa ħafna. Imma biex inkunu nafu xi trid minna, Mulej urina kemm hu importanti li nkunu kapaċi nisimgħu il-leħen tiegħek. Samwel kien qiegħed rieqed fit-Tempju, viċin tiegħek. Aħna għandna x-xorti li nistgħu niġu quddiemek, Ġesù Ewkaristija, kull meta rridu. Għinna nindunaw kemm hu importanti li ngħixu fil-preżenza tiegħek, Ġesù, biex meta tkun trid tgħidilna xi ħaġa aħna nkunu nistgħu nisimgħuk.

Ġesù, int tixtieq li ngħixu ħajja mill-isbaħ u li fiha nħobbu lil dawk kollha ta' madwarna. Biex ikollna din il-ħajja int qed issejjaħ minn fostna biex meta nikbru niżżewġu u jkollna familja imma qed issejjaħ oħrajn minna biex ikunu qassisin, patrijiet jew sorijiet. Żgur li bħal ma għamilt ma' Samwel, Mulej, int ħa tkun ma' dawk kollha li jagħmlu dak li tgħidilhom int. Aħna, illum, waqt li qegħdin quddiemek, Ġesù, nitolbuk biex inkunu kapaċi nisimgħu lilek. Nitolbuk ukoll biex bħal ma Samwel sema' mill-parir ta' Għeli, hekk ukoll aħna nsibu nies li għandhom esperjenza iktar minna, li jgħinuna nifhmu xi trid minna int u jagħtuna parir tajjeb.  Ejjew issa nagħmlu ftit ħin ta' skiet u naraw Ġesù x'qed isejħilna biex nagħmlu.

*Mument Qasir ta' Skiet*

# Att ta' Offerta

*Dak li jmexxxi l-adorazzjoni jista' jintroduċi din il-parti b'dan il-kliem jew ieħor simili:*

Ejjew issa nuru lil Ġesù li aħna lesti li nisimgħu x'irid minna hu. Ejjew noffru lilna nfusna lil Ġesù. Issa kull wieħed u waħda minnha se jpoġġi xemgħa quddiem Ġesù. Din ix-xemgħa tfisser li jien nixtieq noffri lili nnifsi lil Ġesù u lest li nagħmel dak li qed jitlob minni. Waqt li qed noffru din ix-xemgħa ngħidu f'qalbna din it-talba qasira *(jew xi oħra li tixbahha):* "Jiena nħobbok. Għinni nagħmel dak li trid minni."

*Kull tifel u tifla titla' tpoġġi xemgħa quddiem Ġesù Ewkaristija. Jekk in-numru tat-tfal ikun kbir xi tfal jiġu mqabbda biex itellgħu xemgħa quddiem is-Sagrament f'isem it-tfal kollha. F'dan il-ħin tista' tindaqq xi mużika fl-isfond.*

# Talbiet



*Dawn it-talbiet jistgħu jinqraw minn tfal differenti. Wara, jekk il-ħin jippermetti, it-tfal stess jistgħu jressqu t-talbiet tagħhom lill-Mulej.*

Aħna nafu li l-Mulej dejjem lest jisma' dak li nixtiequ ngħidulu u lest li jgħinna f'kull ma jkollna bżonn għalhekk ejjew inressqu t-talbiet tagħna. Wara kull talba nitolbu *(jew inkantaw)*: **R./ Ismagħna nitolbuk Mulej**

1. Mulej, nitolbu biex tkompli tressaqna dejjem lejk permezz tal-qassisin, patrijiet u sorijiet. Nitolbu. **R./**

2. Mulej, nitolbu għall-familji tagħna sabiex fihom ikun hemm dejjem l-imħabba vera u l-paċi li tagħti int. Nitolbu. **R./**

3. Nitolbuk, Mulej, għal dawk iż-żgħażagħ li semgħu s-sejħa tiegħek u qed jippreparaw ruħhom biex ikunu saċerdoti, patrijiet u sorijiet. Agħtihom il-kuraġġ u l-għajnuna li huma għandhom bżonn. Nitolbu. **R./**

4. Agħmel Mulej li fil-ħajja tagħna dejjem insibu ħbieb u nies li jagħtuna eżempju tajjeb u juruna kemm hu sabiħ li timxi warajk. Nitolbu. **R./**

5. Mulej, għin lilna lkoll nagħrfu x'inhi s-sejħa tiegħek għalina. Nitolbu. **R./**

6. Nitolbuk Mulej biex inti ssejjaħ minna t-tfal miġbura hawnhekk uħud li meta nikbru nsiru qassisin, patrijiet jew sorijiet. Nitolbu. **R./**

## Innu

**Araw x'imħabba qawwija (Iktus Nru. 32)**

Araw x'imħabba qawwija
Għandu għalina Alla l-Missier.
Araw x'imħabba qawwija
Għandu għalina Alla l-Missier.

Li hu, lilna jqisna bħala ulied.
Li hu, lilna jqisna bħala ulied.



## Talba Qabel il-Barka Sagramentali

Nitolbu. Mulej, int ħlaqtna għax tħobbna u kuljum tieħu ħsiebna, agħmel li aħna nisimgħu l-leħen tiegħek u nindunaw x'inhi s-sejħa tiegħek għalina u x'tixtieq int li aħna nagħmlu fil-ħajja tagħna. Bi Kristu Sidna.

**Ammen**

# Barka sagramentali

*It-tfal jistgħu jiġu mħeġġa biex waqt il-barka jħarsu lejn Ġesù u jitolbuh jurihom x'jixtieq minnhom f'ħajjithom.*

# Innu

**Ejjew Tfal**

Ejjew tfal, ejjew tfal,
Ejja nfaħħru lill-Mulej
Hu jrid, Hu jrid
Jagħmel minnek ħolqien ġdid

**R./ Erfa' jdejk, erfa' jdejk,**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**
**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**

Ħares 'l hemm, ħares 'l hawn,
Tbissem waħda lil ta' ħdejk.
Hawn Ġesu', hawn Ġesu',
Illi qiegħed f'dawn il-qlub. **R./**

Ħu b'idejn, ħu b'idejn,
Ħu b'idejn lil min hemm ħdejk.
Ħares sew, ħares sew,
Għaliex fina hemm il-Mulej. **R./**



# X’Se Nagħmel b’Ħajti?

## Adorazzjoni Vokazzjoni għaż-Żgħażagħ u Adoloxxenti



*Din l-adorazzjoni hi mmirata għal dawk l-adoloxxenti u żgħażagħ, kemm tfajliet kif ukoll ġuvintur, li għandhom l-età ta’ bejn l-14 u l-20 sena. Tista’ tintuża fi gruppi tal-adoloxxenti u żgħażagħ f’għaqdiet, parroċċi jew skejjel bl-għan li ż-żgħażagħ jagħrfu xi jrid Alla minnhom fil-futur.*

*Ambjentazzjoni:*
*Tajjeb li l-post fejn issir l-adorazzjoni ikun ta’ ġabra, forsi b’dawl kemmxejn baxx u b’mużika strumentali waqt il-mumenti ta’ riflessjoni (tista’ pereżempju tintuża mużika ta’ Taizè).*

*F’xi mkien fil-ġenb tista’ ssir ukoll xi tema marbuta mas-suġġett (eżempju: kotba li jirrappreżentaw l-istudju, ċrieket li jfissru ż-żwieġ, eċċ).*

*Għandek bżonn:*
*Qoffa żgħira (sabiex tintuża biex jitpoġġew it-talb quddiem Ġesù Sagramentat). Ktieb tal-Kant (preferibbilment Iktus). Karti żgħar. Biros jew lapsijiet.*

# Innu

**Ħa Naduraw (Iktus Nru. 197)**

Ħa naduraw, lil Alla tagħna ħaj
U nagħtu ġieħ, lilu biss
Li firex is-sema, u li waqqaf is-sisien
U setgħetu
Tidher fl-għoli tas-smewwiet
U l-glorja,

Li tagħti d-dawl lill-medda tal-ħolqien
Alla tagħna hu, Alla tagħna hu
Għajru, m'għandna lil ħadd.

*jew*

**Come Now is the Time (Iktus Nru. 78)**

**R./ Come, now is the time to worship**
**Come**
**Now is the time to give Your heart**
**Come, just as You are to worship**
**Come, just as You are before your God.**
**Come.**

One day every tongue
Will confess You are God
One day every knee will bow
Still the greatest treasure
Remains for those
Who gladly choose You now. **R./**



*jew*

**Light of the World (Iktus Nru. 92)**

Light of the world
You stepped down into darkness
Opened my eyes, let me see
Beauty that made this heart adore You
Hope of a life spent with You.

**R./ Here I am to worship**
**Here I am to bow down**

**Here I am to say that**
**You're my God**
**You're altogether lovely**
**Altogether worthy**
**Altogether wonderful to me.**

King of all days, oh so highly exalted
Glorious in heaven above
Humbly You came to the earth You created
All for love's sake became poor. **R./**

I'll never know how much it cost
To see my sin upon the cross. (x4) **R./**

## Att ta' Preżenza



Hawn jien Mulej. Qiegħed hawn quddiemek; Int li ħlaqtni u tafni aktar milli jien naf lili nnifsi. Niġi quddiemek fiż-żgħożija tiegħi b'ħafna mistoqsijiet dwar il-futur tiegħi. Tħallinix waħdi Mulej f'din it-triq. Naf li bik miegħi qatt mhu se nintilef.

*Mument Qasir ta' Skiet*

## Att ta' Tifħir

Infaħħru flimkien lil dan Alla Ħallieq tagħna u wara kull strofa nkantaw flimkien.

**Bless the Lord (Iktus Nru. 63)**

Bless the Lord my soul
And bless God's holy name.

Bless the Lord my soul
Who leads me into life.

**Salm 138 (139), 1-14**

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Inkun għadni anqas lissint il-kelma,
meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.

**R./ Bless the Lord (Iktus Nru. 63)**



Dawramejt inti tħaddanni,
u tqegħedli idek fuqi.
L-għerf tiegħek tal-għaġeb,
ma nwassalx għalih;
għoli wisq, ma nlaħħaqx miegħu.
Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek?
Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek?
Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int;
jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll.
Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ,
u mmur ngħammar fi truf il-baħar,
hemm ukoll tilħaqni idek,
u taqbadni l-leminija tiegħek. **R./**

Jekk ngħid: "Ħa jaħbini d-dlam,
ħa jkunli d-dawl lejl madwari,"
anqas id-dlam ma hu mudlam;
għalik il-lejl jiddi bħan-nhar;

id-dlam bħad-dawl għalik.
Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Inroddlok ħajr, għax tal-għaġeb għamiltni:
t l-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb. **R./**

# Evanġelju

Mt 19, 16-22

Mill-Evanġelju skont San Mattew

Resaq wieħed fuqu u qallu: "Mgħallem, x'għandi nagħmel tajjeb biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?". U Ġesù qallu: "Għax tistaqsini fuq it-tajjeb? Wieħed hu t-Tajjeb. Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti". "Liema?" staqsieh dak. U Ġesù wieġbu: "La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, weġġaħ lil missierek u 'l ommok, u ħobb lil għajrek bħalek innifsek". Qallu ż-żagħżugħ: "Jiena dan kollu ħaristu; x'jonqosni iżjed?". Wieġbu Ġesù: "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; mbagħad ejja u imxi warajja". Iż-żagħżugħ kif sama' dan, telaq b'qalbu sewda, għax kien għani ħafna.

Il-Kelma tal-Mulej
**R./ Tifħir lilek Kristu**

*Mument Qasir ta' Skiet-*

# Ħsieb

Immaġina ftit dan iż-żagħżugħ ta' mparek, x'seta' għadda minn ħajtu qabel ma' ltaqa' ma' Ġesù. Ma kien jonqsu xejn u fl-istess ħin ħajtu donnha ma setgħetx tagħmel sens; donnu kellu ċertu vojt li ma seta' jimtela bl-ebda oġġett materjali; kellu ħajja sabiħa imma

ħassha bla skop wisq. Jisma' li se jiġi Ġesù f'beltu u bħal donnu jħoss f'qalbu xi ħaġa tressqu lejh. Mhux ċert mill-emozzjonijiet li qed iħoss imma l-*gut feeling* hu li għandu jagħmel l-almu tiegħu biex imur jiltaqa' ma' min jista' jtih tweġiba għall-mistoqsijiet kollha li kienu qed itaqqluh.

Jiltaqa' ma' Ġesù f'nofs ta' triq u jinżel għarkupptejh ħdejn riġlejn Ġesù. X'ferħ iħoss f'qalbu dak il-ħin iż-żagħżugħ! IsaqsiH kollu kuntent u kunfidenza: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" jew fi kliem ieħor seta' qallu "Mulej, urini xi trid minni". It-tweġiba ta' Ġesù hi ċara. Mhux biss iridu jsegwi l-kmandamenti u jgħix ħajja sewwa. Jeħtieġlu jissagrifika dak kollu li għandu.

Min jaf x'ħaseb dak il-ħin iż-żagħżugħ! Seta' qal bejnu u bejn ruħu: "Il-prezz ta' Alla hu akbar milli kont nistenna" jew "li ngħix ħajja tajba mhux biżżejjed!!! Hemm bżonn niċċaħħad minn dak kollu li bnejt!!!". Ħaseb x'ħaseb, is-sentimenti li ħass jitkellmu weħidhom: "qarras wiċċu u telaq b'qalbu sewda"... Inti lest tħallas il-prezz għoli li jrid minnek Alla biex tikseb il-kuntentizza veru? Lest twarrab dak kollu li jispiċċa u jgħaddi malajr biex takkwista dak li verament għandek bżonn? Fis-skiet ta' qalbek tkellem ma' Dak li bih biss tista' tikseb il-ħajja ta' dejjem.



*Mument ta' Skiet*

## Innu

**Int Sejjaħtli** (ara l-lirika li tinsab ma' dan il-pakkett)

*jew*

**Iddeċidejt (Iktus Nru. 252)**

Iddeċidejt Mulej li ħajti rrid nagħtik
Jien noffrilek lili nnifsi kif jien
Ħudni f'idejk u agħmel bija dak li trid
Kun int Mulej is-sid ta' ħajti.

**R./ Hawn jien Mulej**
**Jien lest għalik u għal kull ma trid**
**Hawn jien Mulej**
**Bi mħabba kbira għalik**

Hawn jien Mulej
U ikkmandani dak li trid
Hawn jien Mulej, iddeċidejt.

*jew*

**Il-Mibgħut (Iktus Nru. 263)**

Inti t-triq u l-ħajja,
Inti l-verità,
Inti li tmexxini lejn il-libertà,
Inti li għaziltni biex nimxi warajk
U nitgħallem minnek
Nagħmel dak li Alla jrid.
Ridt li tibqa' fija u jien nibqa' fik
Ħalli nġorrok dejjem ġo fija.

Inti kont li għażiltni,
Mhux għażiltek jien,
Ħtartni biex tibgħatni nxandrek kullimkien.
Fuq il-pala ta' idejk, ismi int naqqaxt,
Wgħedtni illi waħdi Inti ma tħallini qatt.
Kemm-il darba għejjejt u ħrabt,
Int ma tlaqtni qatt
U bqajt dejjem tiġri warajja.

Ħeġġeġ Int lil qalbi bħal ħuġġieġa nar
Biex intir bil-ħeffa mas-sinjal ta' jdejk
Meta nkun quddiemek

B'ħarsti mwaħħla fik,
Lest biex nisma' kelmtek
U bil-qalb immur naqdik
Nixhed quddiem ħuti l'Inti Alla ħaj
Ħliefek allat oħra ma hemmx.

Naddaf int lil fommi,
Qegħdli kliemek fih
Ħalli mmur inxandar dak li tgħidli int.
Fit-tfixkil li jiena nsib, kun għalija sur,
Ħudni u kenninni int
Għas-satra ta' ġwenħajk
U jekk naqta' qalbi quddiem it-taħbit
Tini l-qawwa int li nżomm sħiħ.

Meta d-dgħajsa tiegħi
Jitla' għaliha l-mewġ
W inti tibqa' rieqed bla ma tagħmel xejn
Agħmel illi nibqa' nemmen fik bis-sħiħ
Għaliex inti r-ragħaj it-tajjeb
Li fid-dlam ukoll
Tissokta tmexxini bil-qawwa ta' jdejk
Jekk tkun ħdejja, jien ma nibżax.

Naf li jiena ċkejken u ma niswa xejn
Imma int setgħani,
Tagħmel ħwejjeġ kbar
U biċ-ċokon tiegħi, jekk nerħih f'idejk,
Inti s-Saltna tkompli tifrex
Fi qlub il-bnedmin
Jiena l-qaddej tiegħek,
Naħdem biss għalik.
Ħa jsir minni dejjem skont kelmtek.

*Dak li jmexxxi l-adorazzjoni jista' jintroduċi din il-parti b'dan il-kliem jew ieħor simili: Issa fis-skiet kull wieħed minna jikteb fuq il-karti li tqassmu talba li biha tesprimi dak li tixtieq li jagħtik Ġesù biex tagħraf aħjar xi jrid minnek fil-futur. Wara fis-skiet, kull wieħed minna se joffri din it-talba billi jpoġġiha quddiem Ġesù fl-Ewkaristija.*

## Offerta tal-Futur Tagħna

Issa noffru l-futur kollu tagħna, bit-tajjeb u l-ħażin li se niltaqgħu miegħu. Wara kull talba ngħidu (jew inkantaw) flimkien:

**R./ Ħudni f'idejk o Mulej**




Noffrilek Mulej il-persuni kollha li għad niltaqa' magħhom, ir-relazzjonijiet li għad nibni fil-futur u lil dawk il-persuni li magħhom għad nibni familja, jekk din hi r-rieda tiegħek għalija. **R./**

Noffrilek Mulej il-karrieri li għad naħdem. Noffrilek il-ħolm tiegħi u s-sejħat li għad inwieġeb għalihom. **R./**

Noffrilek Mulej id-deċiżjonijiet kollha li għad irrid nieħu żgħar jew kbar. Saħħaħni biex ma nibżax neħodhom jekk verament huma dak li trid minni Int. **R./**

Noffrilek Mulej il-ferħat tiegħi. Magħhom nerħi f'idejk il-problemi, niket u diżappunti li għad inħabbat wiċċi magħhom. **R./**

Nafda dan kollu f'idejk Mulej b'fiduċja li int biss taf x'verament neħtieġ. Jiena, bħaż-żagħżugħ għani, għadni qiegħed infittex. Għadni qed niskopri s-sens veru ta' ħajti. Qiegħed infittex min jien verament u x'se nagħmel b'ħajti fil-futur. Ħafna drabi dan

il-futur ibeżżagħni. Kun miegħi Mulej f'dawn id-deċiżjonijiet li rrid nieħu. Tħallinix li nkun marbut ma' dak li mhux importanti. Tħallix lil qalbi tinġibed wara affarijiet li jispiċċaw u jgħaddu malajr. Tħallix li nkun immexxi minn x'jaħsbu fuqi l-oħrajn. Għandek biss hemm il-kuntentizza vera tiegħi. Għinni nagħmel dak li tixtieq minni inti. Għandek Mulej hemm it-tweġibiet li tant ili nfittex. It-triq tiegħek hi t-triq tiegħi. Nintelaq kollni f'idejk. Int taf x'qed infittex.

## Innu

**Tneżżajt mill-Ġmiel u l-Maestà (Iktus Nru. 607)**

Tneżżajt mill-ġmiel u l-maestà
Baxxejt rasek b'umiltà
Minn dawk stess soffrejt
Li ħlaqt u tant ħabbejthom
Fuqek stess dnubieti rfajt
Meta mitt u rxuxtajt
Iva ssaltan Int
Merfugħ fuq l-art u s-sema.

Minn qalbi rrid inqimek, o Mulej
Bi mħabbtek int irbaħtni, o Feddej
Għal dejjem ta' dejjem, nibqa' nħobbok
U għalija mitt Int waħdek biss
Ħajtek tajt biex lili ħlist
Leħni ngħolli lejk, Ġesù irrid inqimek.

*jew*

**Alla juri t-Triq (Iktus Nru. 21)**

Alla juri t-triq,
fejn int tgħid li ma hemmx triq
Hu jaħdem b'mod li ma narawhx
Hu għalik ser jiftaħ triq
Hu l-gwida jkun,
Hu iżommok qribu żgur
B'imħabba w qawwa,
Għal kull jum Alla jwitti triq,
Alla jagħmel triq.

Minn mogħdija ġewwa x-xagħri
Hu jmexxini
Xmajjar fid-deżert ser nilmaħ jien
Jgħibu s-sema w l-art
Imm' għal dejjem kelmtu ddum
Jagħmel Hu, ħaġa ġdida llum.



*Barka Sagramentali*

## Innu ta' Tifħir

**Il-Fidwa Nafuha l-Missier (Iktus Nru. 256)**

Il-fidwa nafuha 'l-Missier
Li qiegħed fuq it-tron
Nafuha 'l-Ħaruf

Ġieħ u glorja, radd ta' ħajr u għerf
Qawwa u saħħa u tifħir.

**R./ Noffru 'l-Mulej**
**Għal dejjem ta' dejjem (x3)**
**Ammen.**

U lkoll għax mifdija msaħħin
Fil-ħidma u fl-unità
U ngħajtu mill-qalb

Ġieħ u glorja, radd ta' ħajr u għerf
Qawwa u saħħa u tifħir. **R./**

*jew*

**Jien Irrid Infaħħrek (Iktus Nru. 332)**

Jien irrid infaħħrek
Ngħolli jdejja w ngħid: "Inħobbok"
Int hu kull ma jien nixtieq
U jien irrid inqaddes ismek kbir.

Jien irrid infaħħrek
Ngħolli jdejja w ngħid: "Inħobbok"
Int hu kull ma jien nixtieq
U jien irrid inqaddes ismek
Jien irrid inqaddes ismek
Jien irrid inqaddes ismek kbir.



# Sajjieda tal-Bnedmin

## Adorazzjoni Vokazzjonali

## Innu



**Ħobż tas-Smewwiet (Iktus Nru. 228)**

Quddiemek hawn miġbura,
Flimkien, Ġesù, nqimuk.
Arana lkoll madwarek:
Int taf kemm inħobbuk!

**R./ Ħallina nibqgħu miegħek**
**Ħa ntuk kull ħajr u ġieħ.**
**Int l-hena, id-dawl, it-tama,**
**Il-għaxqa u l-mistrieħ.**

Magħluq ġot-tabernaklu
Kull ħin aħna nsibuk.
O! X'ferħ inħossu f'qalbna
Kull darba li nżuruk! **R./**

Iġbidna lejk xħin niġu
Quddiemek f'dan is-skiet
Biex nilqgħu ġo sidirna
Ilkoll Ħobż is-smewwiet! **R./**

# Att ta' Preżenza

Mulej, ninsabu hawn illejla għax nixtiequ nqattgħu ftit ħin fil-kumpanija tiegħek. Wara kollox aħna tiegħek.

Qegħdin hawn għax nemmnu u nħossu fil-qalb tagħna li inti tħobbna u li ma nistgħux ngħixu ħajja vera mingħajr imħabbtek.

Ninsabu quddiemek għax nafu li huwa biss għandek li qalbna ssib mistrieħ. Nitolbuk Mulej, taċċettana kif ninsabu bħalissa.

Mulej, int wegħedtna li ħa tibqa' dejjem tagħti lill-Knisja rgħajja skont qalbek. Bil-fidi nafu li din il-wegħda mhux ħa tmur lura minnha. Hawn illejla, filwaqt li nafdaw fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, li jaħdem fil-Knisja, nitolbu li tagħżel saċerdoti minn fost il-poplu tiegħek ħalli jaqduk billi jiddedikaw ħajjithom kollha fis-servizz tal-oħrajn.



*Mument Qasir ta' Skiet*

# Att ta' Tifħir

Mulej filwaqt li nkomplu npoġġu din it-talba fi ħdanek, bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħek nagħrfu li kull ma hu tajjeb ġej minnek. Għalhekk b'mod mill-iktar sempliċi rridu nfaħħruk u nroddulek ħajr!

# Salm
## Salm 100

Għajjtu bil-ferħ lill-Mulej,
nies kollha tal-art,
aqdu bil-ferħ lill-Mulej,
idħlu quddiemu b'għana ferrieħi.

Kunu afu li l-Mulej hu Alla,
hu ħalaqna, u aħna tiegħu,
aħna l-poplu tiegħu
u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu.

Idħlu b'għana ta' ħajr mill-bibien tiegħu,
bit-tifħir fil-btieħi tat-tempju tiegħu;
roddulu ħajr u bierku ismu!
Għax twajjeb il-Mulej,
għal dejjem it-tjieba tiegħu;
minn żmien għal żmien il-fedeltà tiegħu.



# Talba ta' Tifħir

Ħallina nkomplu bit-tifħir tagħna lilek, Mulej, permezz ta' din it-talba. Inwieġbu b'mod responsorjali billi nkantaw: **R./ Laudate omnes gentes.**

Infaħħruk Mulej għax bil-kelma tiegħek saru s-smewwiet u l-art, Għax bl-Ispirtu tiegħek tajtna l-ħajja u sawwartna xbieha tiegħek. Nirringrazzjawk talli għamiltna bnedmin liberi għax tafdana. Għal dan infaħħruk! **R./**

Inroddulek ħajr għax tajtna lil Ibnek, Li offra lilU nnifsu fuq is-salib għalina. Nagħtuk tifħir għax bil-grazzja tiegħek int salvajtna. B'Ibnek u f'Ibnek inti tkompli ssejħilna biex

inħobbuk iżjed ħalli wara din il-ħajja ngħixu għal dejjem miegħek. Għal dan infaħħruk! **R./**

Infaħħruk Mulej għax int fl-għerf tiegħek waqqaft il-Knisja, bħala preżenza tal-imħabba tiegħek fuq l-art. Nagħtuk tifħir għax permezz tal-Knisja inti tmantnina bil-Kelma iegħek, ħajja u qawwija. Permezz tal-Knisja inti tħejji mejda għalina fl-Ewkaristija  fejn tagħtina l-ħobż tal-ħajja. Għal dan infaħħruk! **R./**

Infaħħruk Mulej għad-don tas-saċerdozju fil-Knisja tiegħek. Inti qatt ma tehda tagħżel rgħajja biex jirgħu l-merħla tiegħek u jieħdu ħsiebna. Jakkumpanjawna billi jxandru l-Aħbar it-Tajba,  jamministraw is-sagramenti u jwasslulna l-ħniena tiegħek. Infaħħruk tal-ġid kollu li tagħmel magħna permezz tas-saċerdoti. Għal dan infaħħruk! **R./**

*Mument ta' Skiet*



## Evanġelju
Mk 1, 16-20

Mill-Evanġelju skont San Mark

Waqt li kien għaddej ma' xatt il-baħar tal-Galilija, Ġesù lemaħ lil Xmun u 'l ħuh Indrì qegħdin ikalaw ix-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda. U Ġesù qalilhom: "Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin." U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh. Wara li mexa ftit ieħor ra lil Ġakbu ta' Żebedew u lil ħuh Ġwanni fid-dgħajsa qegħdin isewwu x-xbiek, u minnufih sejħilhom. U huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-lavranti, u marru warajh.

Il-Kelma tal-Mulej
**R/. Tifħir lilek Kristu**

*Mument qasir ta' skiet*

# Ħsieb

Mulej dan l-episodju li ġara fuq ix-xatt tal-baħar tal-Galilija jfakkarna li aħna lkoll imsejħin għall-imħabba.  Sejħa, li ngħidu x'ngħidu, li nfittxu kemm infittxu raġunijiet għaliha, m'għamilhielna ħadd ħliefek Mulej. Kull sejħa, kull vokazzjoni ġejja minnek. Inti ma tieqafx issejjaħ lil kull wieħed u waħda minna għall-imħabba fil-ħajja kollha tagħna, anzi inti stess għedtilna li qabel ma ssawwarna fil-ġuf inti diġà kont sejjaħtilna.

Mulej, kif nindunaw minn din is-silta tal-Evanġelju, il-vokazzjoni hi ġrajja li sseħħ bejnek u bejn il-bniedem u li ma tistax titfisser bil-kliem. Kull sejħa nisranija hi ġrajja li sseħħ billi int issejjaħ u l-bniedem iwieġbek lura bl-imħabba. Dan kollu jidher b'mod partikulari fis-sejħa li int, Mulej, għamilt lil dawn id-dixxipli. Sejħa differenti minn oħrajn – sejħa biex ikunu ministri fi ħdan il-poplu li int tħobb.

U għalkemm  m'għadniex narawk għaddej fostna bħal ma kienu jarawk in-nies li għext magħhom elfejn sena ilu int għadek tistieden żgħażagħ fil-qalb tagħhom biex tagħmilhom sajjieda tal-bnedmin. Għadek tagħżel żgħażagħ ordinarji…għadek issejjaħ żgħażagħ fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, waqt ix-xogħol jew iż-żmien tal-istudji tagħhom, permezz ta' xi esperjenza jew xi kelma minn xi ħadd, u tgħidilhom: «Ejjew warajja». Għadek issejħilhom biex jiġu warajk u jgħixu tant qrib tiegħek. Tagħmlilhom sejħa biex iweġbuk, iweġbuk billi jidħlu f'intimità miegħek biex isiru jafuk, biex jagħrfu x'inhi x-xewqa tiegħek għall-bnedmin. Konvinti li huma mhu se jitilfu xejn anzi konvinti li meta jwieġbu għas-sejħa tiegħek inti tagħtihom kollox huma jaċċettaw li jiġu warajk. Għar-rigal tas-sejħa li tagħmlilhom, għax iħobbuk huma jwieġbu bir-rigal tal-offerta tagħhom infushom.

Permezz tal-Ordni Sagri int tikkonsagrahom għalik u peress li int imħabba Mulej, ma żżomhomx għalik imma terġa' tibgħathom fid-dinja biex ikunu sajjieda tal-bnedmin. Tibgħathom biex ikunu qaddejja qalb il-merħla tagħhom, biex jinterċedu għaliha u b'hekk ikomplu jibnu s-Saltna tiegħek.

*Mument Qasir ta' Skiet*

# Innu

## Imxi warajja

Kliem u mużika: Patri Karm Debattista mssp

Ħalli d-dinja tibqa' sejra fi triqtha
Tigri wara ħolma vojta bla ferħ
Ħalli 'l dawk li jridu jimxu warajha
Bit-toqol tad-dnub mingħajr serħ

Għaliex lilek ħajja oħra ħejjejtlek
Imxi warajja, jum wara jum

**R./ Iva ejja u imxi warajja**
**Kun ir-ragħaj tan-ngħaġ mitlufin**
**Ejja kun il-musbieħ fuq l-imnara**
**Kun il-melħ li ma jaqtax maż-żmien**

Ħalli l-bniedem jara fik tama ġdida
ta' ħajja oħra lil hemm minn din l-art
Ħalli l-bniedem jara fik il-ferħ safi
ta' l-imħabba li b'ħajtek xandart

Għaliex lilek ħajja oħra ħejjejtlek
Imxi warajja, jum wara jum. **R./**

Ejja warajja, illum
Ejja warajja, illum, illum

## Ħsieb

Mulej, fiż-żmien tiegħek fuq l-art, int stess għedtilna biex nitolbu lil Sid il-ħsad jibgħat dawn il-ħaddiema. Dan ifisser li aħna, bil-ħila tagħna biss ma nistgħux nipproduċu vokazzjonijiet saċerdotali. Għedtilna li l-vokazzjonijiet jiġu mill-qalb tiegħek. Imma biex din is-sejħa tasal fil-qalb taż-żgħażagħ għandha bżonn il-koperazzjoni tagħna. Għalkemm int Alla int tixtieq it-talb tagħna. Jekk ikunu bnedmin ta' talb aħna nixegħlu dawl fil-qlub ta' oħrajn, ta' żgħażagħ biex jgħidu: "iva" lilek Mulej. U int żgur li mhux se tonqos tagħmel il-parti tiegħek u taċċetta l-"iva" tagħhom. Għalhekk nitolbuk għal iktar vokazzjonijiet saċerdotali.

*Mument Qasir ta' Skiet*

## Talbiet ta' Interċessjoni



Mulej, mimlijin tama  fil-Kelma tiegħek inressqulek dan it-talb konvinti li int tismagħna u tagħtina dak li għandna bżonn. Inkantaw flimkien wara kull talba: **R./ Ismagħna nitolbuk Mulej**.

Nafdaw f'idejk Mulej, il-Knisja li int stess waqqaft u li għadek tmexxi, sabiex tqaddisha. Nafdaw f'idejk lill-Papa Benedittu XVI biex bħala ragħaj ikompli jirgħa l-Knisja tiegħek bil-għaqal u bl-imħabba. Nitolbu. **R./**

Agħti l-għajnuna lill-Isqfijiet, lis-saċerdoti u lid-djakni, lil dawk li huma kkonsagrati, u lilna l-imgħammdin kollha, sabiex inwettqu bil-fedeltà l-missjoni tagħna għas-servizz tal-Vanġelu. Nitolbu. **R./**

Kompli itfa' l-Ispirtu tiegħek fuq s-seminaristi u dawk kollha li qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju ministerjali u għall-ħajja kkonsagrata biex ikomplu jgħixu b'mod ħaj il-Kelma tiegħek u jkunu sinjal tal-imħabba tiegħek fost il-bnedemin. Nitolbu. **R./**

Mulej, int li ridt li Ibnek jitrabba fi ħdan il-familja ta' Nażaret, xerred il-kotra tal-grazzja u l-barka tiegħek fuq il-familji kollha, saħħaħhom bl-imħabba tiegħek u agħmel li jinbtu fihom vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji. Nitolbu. **R./**

Missier, itfa' ħarstek fuq it-tfal u ż-żgħażagħ kollha. Imlihom bil-kuraġġ sabiex bħal Marija jkunu ġenerużi u ma jibżgħux iwieġbu "iva" għas-sejħa li inti qiegħed tagħmlilhom. Nitolbu. **R./**

Mulej, Int li għedt li l-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema huma ftit, kompli ibgħat ħaddiema fil-għalqa tiegħek sabiex il-Kelma tiegħek tasal sa truf l-art u ħafna nies isibu t-triq li twassalhom għandek. Nitolbu. **R./**

## Innu

*Dal-Misteru*



*Mument ta' skiet u Barka Sagramentali*

## Innu

*Faħħru 'l-Mulej*



# Rużarju Meditat b'Talb għall-Vokazzjonijiet

*Dan ir-rużarju jinkludi għal kull posta: silta mill-Kelma ta' Alla, ħsieb qasir u talba, li lkoll jingħadu eżatt wara li jingħad il-misteru.*



## Il-Misteri tal-Ferħ

### It-Tħabbira mill-Anġlu

L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawwdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù…Mbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq 1, 28-31,38)

Marija wieġbet "iva" b'ġenerożita għas-sejħa ta' Alla minkejja li ma setgħetx tifhem għal kollox il-kliem tal-Anġlu. Nitolbu għal dawk kollha msejħin għas-saċerdozju jew għall-ħajja reliġjuża biex huma wkoll iwieġbu "iva" b'qalbhom kollha għas-sejħa tal-Mulej.

## Il-Viżitazzjoni

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha. (Lq 1, 39-41)

Marija kkoperat mal-ewwel mal-pjan li Alla ħejja għaliha u bla telf ta' żmien marret tgħin lil qariba tagħha.  Nitolbu għal dawk iż-żgħażagħ li rċevew is-sejħa għas-saċerdozju jew għall-ħajja reliġjuża biex jikkoperaw ma' dak li Alla jrid minnhom ħalli jkunu tal-ikbar ġid għalina lkoll.

## It-Twelid ta' Ġesù

F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha. Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja. U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu. Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tala' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem - għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David - biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha. (Lq 2, 1-7)



Ġesù, is-Salvatur tagħna, ġie fostna l-bnedmin billi twieled f'familja. Nitolbu biex il-ġenituri jipprovdu fid-dar tagħhom ambjent ta' mħabba u fidi, li jgħin lit-tfal tagħhom jagħrfu l-vokazzjoni tagħhom.

## Il-Preżentazzjoni fit-Tempju

F'Ġerusalemm kien hemm wieħed, jismu Xmun, raġel ġust u tajjeb, li kien jistenna l-faraġ ta' Iżrael u li kellu l-Ispirtu s-Santu fuqu. L-Ispirtu s-Santu kien nebbħu li ma kienx se jara l-mewt qabel ma jara l-Messija tal-Mulej. Mar mela fit-tempju, mqanqal mill-Ispirtu, u xħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija Ġesù biex jagħmlulu dak li kienet trid il-Liġi, huwa laqgħu fuq dirgħajh… Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se

jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! (Lq 2, 25-28, 34-35)

Ġużeppi u Marija kienu jafu li Ġesù hu l-ikbar rigal mingħand Alla għalina l-bnedmin u għalhekk marru jippreżentawh fit-Tempju. Nitolbu sabiex il-ġenituri jagħrfu jifhmu li uliedhom huma rigal mingħand Alla u joffruhom lilu biex iseħħ ir-rieda tiegħu permezz tagħhom.

### Is-Sejba ta' Ġesù fit-Tempju

It-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh. Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom. (Lq 2, 43-46)

Ġesù għaraf li jfittex ir-rieda tal-Missier f'dak kollu li kien jagħmel matul ħajtu kollha. Nitolbu għas-seminaristi u l-istudenti reliġjużi sabiex ikollhom il-grazzja li jingħataw il-formazzjoni li tgħinhom ifittxu qabel kollox ir-rieda ta' Alla.



## Il-Misteri tad-Dawl

### Il-Magħmudija ta' Ġesù

Ġesu', wara li tgħammed, minnufih tela' mill-ilma; u ara, is-smewwiet infetħu, u ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u jieqaf fuqu.  U mis-smewwiet instema' leħen igħid "Dan hu Ibni l-għażiż; fih sibt il-għaxqa tiegħi." (Mt 3,16-17)

Permezz tal-magħmUdija Ġesu' wera li aċċetta l-missjoni li l-Missier afdalu. Nitolbu għas-seminaristi u l-istudenti reliġjużi sabiex jingħataw il-grazzja li jsiru iktar konxji tas-sejħa li rċevew fil-magħmudija: dik li jwasslu l-Bxara t-Tajba lill-oħrajn.

## It-Tieġ ta' Kana

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesu' kienet hemm. Ġesu' kien mistieden għat-tieġ ukoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesu' qaltlu: "Ma għandhomx inbid" U Ġesu' qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesu' qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu." Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesu' qal li lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma," U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." (Ġw 2, 1-5)

Bl-interċessjoni ta' Marija, Ġesù għamel l-ewwel miraklu tiegħu. Nitolbu sabiex il-ġenituri jinkoraġġixxu lil uliedhom biex ikunu miftuħa għas-sejħa tal-Mulej.

## It-Tħabbir tas-Saltna ta' Alla



Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla u jgħid: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju." (Mk 1, 14-15)

Ġesù jibda l-ministeru tiegħu billi jxandar aħbar ta' ferħ – li s-Saltna ta' Alla waslet. Nitolbu sabiex il-Mulej jibgħat iktar saċerdoti, reliġjużi u lajċi kkonsagrati qaddisa biex ixandru l-Bxara t-Tajba tas-Saltna.

## It-Trasfigurazzjoni

Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. (Lq 9, 28-31)

Ġesù, fit-Trasfigurazzjoni tiegħu, juri li Alla jixtieq jagħtina sehem mill-ħajja divina tiegħu.

Nitolbu għall-persuni li qed iħejju ruħhom biex ikunu reliġjużi jew saċerdoti biex jagħrfu jgħixu ħajjithom magħquda ma' Alla.

## It-Twaqqif tal-Ewkaristija

Huma u jieklu, Ġesu' ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi." Imbagħad ħa l-Kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet. Ngħidilkom li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri." (Mt 26, 26-29)

Ġesù ħallielna lilu nnifsu fl-Ewkaristija biex jibqa' preżenti magħna l-bnedmin. Nitolbu għaż-żgħażagħ kollha li qed jippreparaw ruħhom għas-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża sabiex jibnu ħajjithom fuq Ġesu' Ewkaristija.



# Misteri tat-Tbatija

## L-Orazzjoni fl-Ort tal-Ġetsemani

Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu wasal f'qasam, jgħidulu l-Ġetsemani, u qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk nitlob." U ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Mbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi." Mexa kemmxejn 'il quddiem, nxteħet wiċċu fl-art jitlob u jgħid: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int." (Mt 26, 36-39)

Ġesù, konxju minn dak li kien se jgħaddi minnu, talab lil Missier sabiex tkompli sseħħ ir-rieda tiegħu. Nitolbu għal dawk kollha li qed jippreparaw ruħhom biex ikunu saċerdoti jew reliġjużi sabiex jgħixu ħajja ta' talb u, msaħħin spiritwalment, jwieġbu b'kuraġġ għal dak li Alla qed isejħilhom għalih.

## Il-Flaġellazzjoni

Qalilhom Pilatu: "X'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?" Weġbuh ilkoll: "Sallbu!' Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajjtu u jgħidu: "Sallbu?" Meta mbagħad Pilatu ra li kollox kien għal xejn, anzi li aktarx kienet se tinqala' xi rewwixta, qabad, ħasel idejh fl-ilma quddiem il-poplu u qal: "Jien m'iniex ħati ta' dan id-demm: dan arawh intom?" U l-poplu kollu qabeż u qal: "Demmu fuqna u fuq uliedna?" Mbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh. (Mt 27, 22-26)

Għall-imħabba li Ġesù għandu għalina, Hu offra lilu nnifsu għas-salvazzjoni tagħna. Nitolbu sabiex ħafna iktar persuni jilqgħu s-sejħa biex ikunu saċerdoti jew reliġjużi u joffru lilhom infushom lil Alla.

## L-Inkurunazzjoni bix-Xewk



Is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju, u ġabru quddiemu lil sħabhom kollha. Neżżgħuh, u xeħtulu fuqu mantar aħmar skur; qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, nxteħtu għarkubbtejhom quddiemu, u qagħdu jiddieħku bih u jgħidulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud?" (Mt 27, 27-29)

Ġesù, biex tkompli sseħħ ir-rieda tal-Missier permezz tiegħu, soffra żebliħ, ridikulazzjoni u aċċetta li jlibbsuh kuruna tax-xewk. Nitolbu għaż-żgħażagħ li huma msejħin għall-ħajja reliġjuża jew għas-saċerdozju imma qed iħossuha diffiċli jgħidu "iva" lil Alla minħabba l-ambjent ta' madwarhom.

## It-Triq tal-Kalvarju

Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù. Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom." (Lq 23, 26-30)

Matul it-triq mingħand Pilatu sal-Kalvarju Ġesù sab għajnuna u sapport minn numru ta' nies. Nitolbu lill-Mulej biex jagħtina l-grazzja sabiex dawk li rċevew is-sejħa għal ħajja reliġjuża jew għas-saċerdozju jsibu nies li jgħinuhom fil-mumenti diffiċli li jiltaqgħu magħhom.

### It-Tislib u l-Mewt ta' Ġesù

Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani?", li jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija?" U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu?" Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu. (Mk 15, 33-37)

Ġesù msallab fuq is-salib jurina li kull min iħobb tassew ikun lest li jinsa lilu nnifsu, ikun lest li jbati u li jagħti ħajtu għall-oħrajn. Nitolbu għas-seminaristi u l-istudenti reliġjużi biex jingħataw il-grazzja li jagħrfu li s-sejħa ta' Alla għalihom hi dik li jagħtu ħajjithom għall-oħrajn.



## Il-Misteri tal-Glorja

### Il-Qawmien mill-Mewt

Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar. U ara, nħasset theżhiża kbira għax niżel anġlu tal-Mulej mis-sema, u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bilqiegħda fuqha. Id-dehra tiegħu kienet bħal berqa; lbiesu abjad bħas-silġ. Bil-biża' tiegħu l-għassiesa qabdithom rogħda u saru qishom mejtin. Iżda l-anġlu qabad u qal lin-nisa: "Tibżgħu xejn intom għax jiena naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. M'huwiex hawn, għaliex qam, kif kien qal. (Mt 28, 1-6)

Il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt ġab miegħu trasformazzjoni fil-ħajja tad-dixxipli tiegħu u qalbhom imtliet b'ferħ li ma jintemm qatt. Nitolbu għal dawk kollha li qed iħejju ruħhom għal ħajja reliġjuża jew saċerdotali biex jesperjenzaw il-ferħ veru fl-għotja totali tagħhom lil Alla.

## It-Tlugħ fis-Sema

Kif kienu flimkien, l-appostli staqsewh: "Mulej, hu dan iż-żmien li fih int se terġa' twaqqaf is-Saltna ta' Iżrael?" Hu weġibhom: "M'hijiex biċċa tagħkom li tkunu tafu l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel bis-setgħa tiegħu. Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art." Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom. (Atti 1, 6-9)

Ġesù tela' s-sema mhux biex iħallina waħedna imma biex jagħtina tama vera għall-ħajjitna billi jħejjilna post fis-Saltna tas-Sema. Nitolbu għal persuni li qegħdin jitħejjew għas-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża sabiex ikollhom il-grazzja li jgħixu ħajjithom bil-ħarsa ta' qalbhom iffisata lejn is-"sema pajjiżna".



## L-Inżul tal-Ispirtu s-Santu

Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu. (Atti 2,1-4)

L-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja trasforma lill-Appostli minn persuni mbeżżgħa f'xhieda qawwija tal-Evanġelju. Nitolbu lil Mulej jibgħat ħafna Appostli fi żmienna li, mimlijin bl-Ispirtu ta' Alla, ikunu jistgħu jwasslu l-Bxara t-Tajba lill-ġnus kollha.

## It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja, għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu. Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu. Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin. (Lq 1, 46-52)

L-irwol ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni ma spiċċax mat-tlugħ tagħha fis-sema imma hi għadha tinterċedi għalina lkoll fil-vjaġġ ta' ħajjitna. Nitolbu biex bl-interċessjoni tagħha jitkattru fil-Knisja l-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi.

## L-Inkurunazzjoni ta' Marija

U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. (Apok 12,1)

Marija, l-ewwel dixxiplu ta' Ġesù, dik li qalet "iva" lil Alla f'kollox, issa hi s-Sultana tas-Sema u l-Art. Nitolbu biex il-Mulej jagħti l-grazzja lil dawk kollha li qed iħejju ruħhom biex ikunu saċerdoti u reliġjużi biex jikkomettu ruħhom li jgħixu ħajja ta' qdusija ħalli tkompli titwettaq ir-rieda tiegħu fostna.



# *Via Crucis* Vokazzjonali

## Talba Preparatorja



O Alla ta' tjieba, kull wieħed minna huwa msejjaħ għad-dixxipulat ma' Ibnek l-Għażiż permezz tas-Sagrament tal-Magħmudja. Aħna mibgħutin inxandru l-Vanġelu ta' Ġesù, naqsmu l-Bxara t-Tajba tal-imħabba t'Alla. Isma' talbna

O Mulej waqt li nirriflettu fuq il-vokazzjoni redentiva ta' Ġesù, li jkompli jsejjaħ irġiel u nisa li jimxu t-triq tiegħu, biex b'hekk inġeddu l-Knisja tiegħu u naqdu l-poplu tiegħu.

Niżżu ħajr għall-misteru ta' kull vokazzjoni u nitolbu għal dawk kollha li wieġbu għas-sejħa tiegħek. Ibgħat fuqna l-Ispirtu s-Santu u ħeġġeġ fina n-nar ta' mħabbtek, b'hekk niġbdu żgħażagħ biex jingħataw mingħajr kundizzjoni għall-imħabba ta' Kristu u tas-Saltna tiegħu. Ammen.

# I

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

L-Ewwel Stazzjon: Pilatu jikkundana lil Ġesù għall-mewt

Mill-Evanġelju skont San Mattew

Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?" Wieġbuh ilkoll: "Sallbu!" Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu!" Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh. (Mt 27, 22-23; 26)

Ġesù, nitolbuk li ssejjaħ żgħażagħ biex illum jilqgħu pubblikament l-istedina tiegħek biex jimxu warajk minkejja dak li ħaddiehor jaħseb u jgħid. Agħtihom il-ħeġġa biex fi mħabbtek jingħataw għall-bżonnijiet ta' ħuthom.



Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# II

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

It-Tieni Stazzjon: Ġesù jieħu s-Salib

Mill-Evanġelju skont San Mattew

Is-suldati neżżgħu lil Ġesù, u xeħtulu fuqu l-mantar aħmar skur; qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-lemenija, xteħtu għarrkobbtejhom quddiemu,

u qagħdu jiddieħku biħ u jgħidulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!" Beżqu fuqu, u ħadulu l-qasba minn idu u bdew jagħtuh biha fuq rasu. Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu. U ħaduh magħhom biex isallbuh. (Mt 27, 27-31)

Ġesù, għin lil dawk li ssejjaħ biex jilmħu fis-salib is-sinjal tal-għaqda miegħek. Agħtihom iż-żelu u t-talenti biex jamminstraw lil dawk kollha li huma mġarrba bit-tbatija, bin-niket, bil-konfużjoni u bit-taħwid. Agħtihom id-dawl biex jaraw li fis-salib hemm il-ħajja.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# III



Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

It-Tielet Stazzjon: Ġesù jaqa' għall-ewwel darba

Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija

Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, milqut minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. (Iż. 53, 4-6)

Ġesù, għarraf lil dawk li qed issejjaħ li ma jridux ikunu perfetti. Agħtihom li jinfetħu għat-trasformazzjoni tal-grazzja tiegħek li tista' tibdel aktar milli wieħed jimmaġina. Ifrex fuq dawk li qed iwieġbu għas-sejħa tiegħek għas-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata, tama soda li inti twassal għat-tmiem dak li bdejt fihom.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# IV

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

Ir-Raba' Stazzjon: Ġesù jiltaqa' ma' Ommu Marija

Mill-Evanġelju skont San Luqa

Xmun berikhom, u qal lil Ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna." (Lq 2, 34-35)



Ġesù, qawwi fiż-żgħażagħ tagħna x-xewqa li jsiru jafu lil Ommok Marija u jsibu fit-talb tagħhom permezz tal-Iskrittura, mara ta' fidi, tama u mħabba, li l-vokazzjoni tagħha hi eżempju għalina lkoll. Għin lill-ġenituri biex jippromwovu u jħeġġu vokazzjonijiet fost uliedhom, il-familji u l-komunitajiet insara.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# V

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

Il-Ħames Stazzjon: Xmun iċ-Ċirinew jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib

Mill-Evanġelju skont San Luqa

Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù. (Lq 23, 27)

Ġesù, ibgħat il-grazzja tiegħek fuq dawk li ssejjaħ għat-tmexxija fil-Knisja. Għinhom jaċċettaw u jilqgħu d-doni tal-oħrajn fil-bini tal-komunità, fix-xandir tal-messaġġ tiegħek u fl-għoti għas-servizz.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**



# VI

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

Is-Sitt Stazzjon: Il-Veronika tixxotta wiċċ Ġesù

Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija

Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżebblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. (Iż. 53:2-3)

Ġesù, sejjaħ bosta rġiel u nisa biex jaraw lil wiċċek f'dawk kollha li jiltaqgħu magħhom. Għin lill-qaddejja tiegħek biex jifhmu tassew li t-tajjeb li jagħmlu mal-inqas fost ħuthom qed jagħmluh miegħek.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

## VII

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

Is-Seba' Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-tieni darba



Mill-Evanġelju skont San Ġwann

Ġesù qal, "Ngħidilkom is-sewwa, li jekk il-qamħa ma taqax fl-art u tmut, hija tibqa' sempliċi qamħa. Imma jekk tmut hija tagħmel ħafna frott." (Ġw 12, 24)

Ġesù, għallem lil dawk li ssejjaħ għas-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata biex jaċċettaw il-limiti tagħhom u tal-oħrajn, billi jistrieħu fil-ħniena tal-grazzja t'Alla. Għinhom f'dan iż-żmien ta' dlamijiet biex imorru fost dawk li d-dinja ssejjaħ "il-mitlufa" – persuni b'vizzju, fil-ħabs, fil-faqar, dawk li jbatu s-solitudni u l-morda.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# VIII

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

It-Tmien Stazzjon: Ġesù jitkellem man-nisa ta' Ġerusalemm

Mill-Evanġelju skont San Luqa

Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom u lil uliedkom. Għax araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hiena dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!" (Lq 23, 28-30)

Ġesù, neħħi kull preġudizzju minn dawk kollha li ssejjaħ li jimxu miegħek bħala saċerdoti u reliġjużi. Agħmel li dawk li jimxu warajk jaraw fil-poplu t'Alla lil kulħadd maħluq indaqs, raġel u mara, bla differenzi ta' razza u kultura u li l-Missier tas-sema m'għandux għażliet. Agħmel li l-kliem u l-eżempju tagħhom jitkellem dwar il-ġustizzja, is-sliem u l-hena ta' Kristu.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# IX

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

Id-Disa' Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-tielet darba

Mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet

Tajjeb għall-bniedem li jerfa' il-madmad sa minn żgħożitu, li joqgħod waħdu u sieket,

meta jgħabbihulu l-Mulej; li qiegħed ħalqu fit-trab – għandu mnejn jifdal xi tama; li jagħti ħaddejh lil min isawtu, li jimtela biż-żebliħ. Għax ma jarmix għal dejjem, lill-bniedem il-Mulej. Għaliex jekk hu jgħakkes, iħenn skond il-kotra ta' tjubitu. (Lam 3, 27-32)

Ġesù, għin lil dawk li ssejjaħ biex jagħrfu li kull vokazzjoni hi mfawra bil-grazzji; li s-saċerdoti, ir-reliġjużi, id-djakni, l-irġiel u n-nisa kkonsagrati, il-miżżewġin u kull persuna hi magħżula minn Alla. Kattar fihom il-konvinzjoni li xejn ma jista' jifridhom mill-imħabba t'Alla li hu attiv u preżenti fit-tajjeb u fil-ħażin li jgħaddu minnu.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**



# X

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

L-Għaxar Stazzjon: Ġesù mneżża' minn ħwejġu

Mill-Evanġelju skont San Ġwann

Is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: «Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha.» (Ġw 19, 23-24)

Ġesù, seddaq 'l dawk li huma msejħa għas-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata biex jitlibbsu b'kompassjoni sinċiera, b'umiltà, bi ħlewwa, b'mogħdrija u b'paċenzja, b'maħfra u bi gratitudni; fuq kull virtù oħra agħmel li jilbsu l-imħabba. Agħmel li jifhmu li

d-dixxerniment vokazzjonali tagħhom jinsab fit-tweġiba profonda għal imħabbtek.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XI

Nadurawk O Ġesù u mberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

Il-Ħdax-il Stazzjon: Ġesù msammar mas-salib

Mill-Evanġelju skont San Luqa

Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." (Lq 23, 33-34)

Ġesù, inseġ fiż-żgħażagħ tagħna xewqa li jagħmlu d-differenza fid-dinja minkejja l-prezz li jrid jiġi mħallas biex l-eżempju kuraġġuż tal-martri moderni jispirahom ħalli jilqgħu għall-isfidi bil-fidi, it-tama u l-imħabba. Imliehom bil-preżenza u l-grazzja tiegħek biex iwieġbu għas-sejħa: "Morru fid-dinja kollha".

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XII

Nadurawk O Ġesù u mberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

It-Tnax-il Stazzjon: Ġesù jmut fuq is-salib

Mill-Evanġelju skont San Luqa

Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Mbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi." U kif qal hekk, ħarġet ruħu. (Lq 23, 44-46)

Ġesù, agħti lil dawk kollha li qed jaħsbu fuq il-vokazzjoni tagħhom imħabba profonda lejn l-Ewkaristija, is-Sagrament Qaddis tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħek. Agħmel li f'kull quddiesa jsibu kuljum stedina ta' tiġdid biex jgħixu ħajjithom bik, fik u miegħek, billi jagħtu glorja u ġieħ lil Alla l-Missier tagħna.



Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XIII

Nadurawk O Ġesù u mberkuk, għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.

It-Tlettax-il Stazzjon: Ġesù mniżżel mis-salib

Mill-Evanġelju skont San Ġwann

Ġużeppi ta' Arimatea, dixxiplu ta' Ġesù talab il-permess lil Pilatu sabiex ineħħi l-ġisem ta'

Ġesù. Pilatu tah il-permess, għalhekk ġew u ħaduh. (Ġw 19, 38)

Ġesù, miss l-imħuħ, il-qlub u l-ispirti ta' dawk li qed issejjaħ biex jaqdu l-poplu t'Alla. Imliehom bil-garanzija tal-imħabba u l-protezzjoni tal-Omm Qaddisa, speċjalment huma u jikbru fil-vokazzjoni tagħhom. Wettaq fihom ir-rieda li jwieġbu għax-xewqa tiegħek biex b'hekk iwaqqfu bit-talb u s-servizz il-preżenza salvifika tiegħek f'dinja mimlija uġigħ u biżgħat, bil-ġuħ għall-Verità tiegħek.

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XIV

Nadurawk O Ġesù u nberkuk, **R./ għax b'salibek u l-mewt tiegħek, Inti fdejtna.**

L-Erbatax-il Stazzjon: Ġesù mqiegħed f'qabar ġdid

Mill-Evanġelju skont San Ġwann

Huma ħadu l-ġisem ta' Ġesù u kebbuh bil-faxex ta' l-għażel bil-fwejjaħ, kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna. Fil-post fejn kien msallab kien hemm ġnien. F'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd. Hemm qiegħdu lil Ġesù għax kien Jum it-Tħejjija, u għax il-qabar kien fil-qrib. (Ġw 19, 40-42)

Nirringrazzjawk Ġesù, tal-qawwa infinita tal-passjoni u l-qawmien tiegħek li waslet salvazzjoni u duwa għad-dinja. Nitolbu ħajr għal dawk kollha li sejjaħt biex jimxu warajk matul dawn l-elfejn sena: irġiel u nisa li kkonsagraw ħajjithom għall-bini tal-Knisja tiegħek. Nitolbu għas-seminaristi u l-istudenti reliġjużi li jinsabu fil-formazzjoni. Agħmel li l-ġuvintur u x-xebbiet jirriflettu fuq il-ħajja tal-qaddisin, u agħtihom il-grazzja li jiltaqgħu ma' saċerdoti, reliġjużi u lajċi impenjati li qed ikomplu jwieġbu għas-sejħa ta' Kristu, "Ejja, u imxi warajja."

Missierna…

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**R./ Mulejja ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

## Talba lil Ġesù Msallab

Għażiż Ġesù, ninżel għarkobbtejja quddiemek, u ħerqan nitolbok biex tnaqqax f'qalbi fidi, tama u mħabba profonda u ħajja, b'xewqa ta' indiema sinċiera ta' dnubieti, u b'rieda li npatti għan-nuqqasijiet tiegħi. Waqt li nirrifletti b'kompassjoni fuq il-ħames pjagi tiegħek, niftakar, għażiż Ġesù, il-kliem tal-profeta David li qal: "Nifduli jdejja u riġlejja; u għaddewli għadmi kollu."



# Int Sejjaħtli

## Innu Vokazzjonali

Int sejjaħtli u għażiltni
Biex warajk nimxi kuljum
Xtaqt li f'ħajti kollni tiegħek jien
inkun.

Kebbist fija nar imħabbtek
Dejjem tħeġġeġ għall-bnedmin
Kelmtek saret dawl għalija tul is-snin.

**R./ F'qalbi smajt is-sejħa
tiegħek
Ruħi hi għatxana għalik
Lest immur kull fejn tibgħatni:
jien naqdik.**

Int tibgħatni biex inxandar
l-Evanġelju sa truf l-art
Biex il-paċi terġa' ssaltan ġo kull qalb.

Nissilt fija xewqa taqbad
Biex inħabbar ferħ bla tmiem
Tama ġdida fis-Salib u
fil-Qawmien. **R./**

# INT SEJJAĦTLI

Kliem: Rev. Mario Dimech/Rev. George Schembri

Mużika: Rev. Mario Dimech




G7 Am F
snin. RIT. F'qal- bi smajt is- sej- ħa tie- għek, ru- ħi
mien.
Em E7 Am F G7 C
ħi għat- xa- n'għa- lik, lest im- mur kull fejn ti- bgħat- ni: jien naq- dik.

VERITAS ET JUSTITIA

**Grupp Missjoni u Vokazzjonijiet**
**Seminarju tal-Arċisqof - Malta**